MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2009

Numru 1085/2009

Il-Pulizija
(Spettur Fabian Fleri)

vs

Carmelo Darmanin

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat Carmelo Darmanin detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 339551(M), akkuzat b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. talli bejn l-1 ta’ Gunju 2008 u l-1 ta’ Settembru 2008 minn gewwa l-Kazin tal-Banda San Mikiel li jinsab gewwa Misrah is-Sliem, Zabbar ikkommetta serq ta’ strumenti muzikali liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-

2329.40 Euro u bil-persuna ghad-dannu tal-Kumitat tal-imsemmi Kazin u aktar talli:

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement xtara jew laqa ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom jaccedi l-2329.4 Euro (Lm1000), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li kien indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jippersisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzat hu mixli b'serq aggravat bil-valur li jeccedi l-2329 Euro u bil-persuna ghad-dannu tal-Kazin tal-Banda San Mikiel. Huwa wkoll akkuzat b' "ricettazzjoni" li hi akkuza alternattiva ghal dik ta' serq.

L-ammissjoni tal-akkuzat hi volontarja u inkondizjonata tali ghalhekk li l-akkuza principali ta' serq tirrizulta.

Konsegwentement fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni qeghedha ssibu hati tal-ewwel akkuza. Rat l-Artikolu 261(c)(d), 267, 268, 279(b), 280(1), 20 tal-Kap 9. Tikkundannah tmintax-il xahar prigunerija u li jhallas 200 Euro lill-Kazin tal-Banda ta' San Mikiel zmien mhux aktar tard minn sena mill-lum. Tordna li l-perjodu ta' prigunerija jibqa' sospiz ghal sena mill-lum bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9 sakemm l-akkuzat ma jikkommettiex reat iehor punibbli bi prigunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti fehmet lill-akkuzat ir-responsabbilitajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------